MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Numru: 106/15LM

Fl-atti tal-ittra uffiċjali nru: 3534/13 fl-ismijiet:

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs.**

**Samuel Gatt (ID 122258 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Samuel Gatt** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent") li ġie ppreżentat fil-5 ta' Frar 2015 fejn a tenur tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-

Liġijiet ta' Malta qiegħed jopponi għat-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet kif dedotta fl-ittra uffiċjali numru 3534/13 għas-segwenti raġunijiet:

*Illi premezz tiegħu jopponi t-talba u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba bħala waħda nfondata u dana għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi fl-ewwel lok minħabba n-nullità tal-proċedura stante illi d-dikjarazzjoni notifikata lill-esponenti ma hijiex ġuramentata kif jipprovdi l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 u dan kif jirriżulta mill-kopja tad-dokumenti riċevuti mill-esponenti annessi mal-preżenti;*

2. *Illi fit-tieni lok il-pretensjoni esperita hija fil-parti l-kbira tagħha perenta a tenur tal-Artikolu 2156(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' **Peter Mamo bħala Kummissarju tal-Artijiet** (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "l-intimat"), li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 2015, fejn wieġeb kif ġej:

*Illi huwa ġie notifikat nhar it-18 ta' Frar, 2015, b'rikors ippreżentat nhar il-5 ta' Frar 2015, fejn l-intimat qiegħed jikkontesta l-ittra uffiċjali intavolata fil-konfront tal-intimat ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12;*

*Illi l-intimat qiegħed primarjament jeċċepixxi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-proċedura stante illi d-dikjarazzjoni notifikata lilu ma kinitx ġuramentata;*

*Illi l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ebda punt ma jispeċifika li tali dikjarazzjoni għandha tkun ġuramentata – jgħid biss li din tista' tkun ġuramentata u jindika l-metodu dwar kif jista' jsir dan;*

*Illi kieku l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li n-nuqqas ta' ġurament jirriżulta f'nullità, l-leġislatur kien jispeċifika dan fil-liġi nnifisha – hekk kif sar f'bosta liġijiet oħra fejn in-nuqqas ta' element partikolari jrendi azzjoni jew att partikolari null;*

*Illi, mingħajr preġudizzju għal dan, m'hemm l-ebda raġuni għalfejn in-nuqqas ta' ġurament għandu jirriżulta fin-nullità tal-ittra uffiċjali u dan stante li dan in-nuqqas jista' jiġi rrimedjat fil-mori tal-kawża;*

*Illi fil-każ odjerna tapplika t-teorija tal-jus superveniens, li l-Qrati lokali applikaw diversi drabi. It-teorija hija ċara u tindika li jekk kemm-il darba tista' tiġi sanata proċedura mingħajr ma tibdel l-oġġett jew id-domanda tal-kawża m'hemmx lok u għalfejn għandhom jinbdew proċeduri ġodda;*

*Illi fil-każ odjern, jekk kemm-il darba l-ġurament dwar l-arretrati dovuti jittieħed fil-mori tal-kawża dan la ħa jibdel l-oġġett u lanqas id-domanda tal-kawża u għalhekk l-esponent ma jarax raġuni għalxiex m'għandux jingħata l-opportunità jissana l-proċedura odjerna;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont kif pretiż mill-esponenti, ai termini l-ittra ġudizzjarja tad-19 ta' Novembru 2013, huwa kollu dovut kif ser jirriżulta waqt il-provi, għalhekk il-pretensjonijiet tal-intimat huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.*

> *Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex tilqa' t-talba tal-intimat, u għalhekk tikkundannah iħallas l-ammont kif pretiż, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet Peter Mamo.

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent Samwel Gatt li ġie mogħti l-ġurament deċiżorju a tenur tal-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-avukati difensuri tar-rikorrent Samuel Gatt jittratta r-Rikors u lill-avukat difensur tal-Kummissarju tal-Artijiet li rrimettiet ruħha għall-atti tar-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għal provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent Samuel Gatt isejjes ir-Rikors tiegħu fuq żewġ ilmenti: (i) li d-dikjarazzjoni annessa mal-ittra ġudizzjarja 3534/13 notifikata lilu ma kinitx ikkonfermata bil-ġurament tal-mittent kif jipprovdi l-Artikolu 466 tal-Kap. 12;

u (ii) li l-pretensjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet hija fil-parti l-kbira tagħha perenta a tenur tal-Artikolu 2156 (ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>L-ewwel ilment</u>**

Għall-ewwel ilment tar-rikorrent, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet wieġeb illi l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ebda punt ma jispeċifika li tali dikjarazzjoni għandha tkun ġuramentata - jgħid biss li din tista' tkun ġuramentata. Il-Kummissarju tal-Artijiet issottometta wkoll illi kieku l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li n-nuqqas ta' ġurament jirriżulta f'nullità, l-leġislatur kien jispeċifika dan fil-liġi nnifisha. Barraminhekk l-istess Kummissarju tal-Artijiet isostni li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn in-nuqqas ta' ġurament għandu jirriżulta fin-nullità tal-ittra uffiċjali u dan stante li dan in-nuqqas jista' jiġi rrimedjat fil-mori tal-kawża.

Din il-Qorti tqis li fil-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha l-liġijiet tal-pajjiż għandhom jingħataw interpretazzjoni kemm jista' loġika u koerenti ma' x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur meta ippromulga d-dispożizzjoni legali inkwistjoni.

Il-ħsieb tal-leġislatur wara s-sostituzzjoni tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 bl-Att XXIV.199 tal-1995, kien evidentement li jipprovdi proċediment speċjali sommarju sabiex jinġabar lura b'aktar ħeffa dejn dovut lil dipartimenti tal-

gvern jew lil uffiċċji amministrattivi tiegħu jew lil korpi magħquda stabbiliti bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti.

Fl-istess waqt li kienet introdotta din il-proċedura speċjali u sommarja għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern, il-leġislatur ried li din il-proċedura tkun ikkawtelata b'minimu ta' salvagwardji fir-rigward tal-persuni li kontrihom isiru talbiet għal ħlas tal-kreditu billi d-dikjarazzjoni dwar id-dejn dovut u x-xorta tiegħu tiġi kkonfermata bil-ġurament u d-debitur ingħata l-opportunità li entro t-terminu ta' 20 jum min-notifika jopponi għat-talba permezz ta' rikors.

Proċediment ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata tal-kreditur dipartiment tal-Gvern notifikata b'att ġudizzjarju lid-debitur, huwa eċċezzjoni għar-regola stabbilita bl-Artikolu 125 tal-Kap. 12 li tgħid li **l-proċediment ordinarju** fl-affarijiet kontenzjużi fil-qrati superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri, **ordinarjament**[1], jitmexxa b'rikors, sija ġuramentat jew le, skont ma tgħid il-liġi. Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, il-proċediment ordinarju fl-affarijiet kontenzjużi jitmexxa b'rikors.

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Il-proċediment ordinarju quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri jitmexxa billi wara li tkun saret il-parti bil-mitkub tal-proċediment, il-partijiet fil-kawża iressqu x-xhieda u l-provi tagħhom konfermati bil-ġurament, u l-qorti taqta' u tiddeċiedi abbażi tax-xhieda u l-provi mressqin quddiemha.

Iżda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jikkontempla diversi eċċezzjonijiet għall-proċediment ordinarju, ewlenin fosthom (i) il-proċedimenti speċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 għar-rigward ta' talbiet mhux opposti; (ii) il-proċedimenti sommarji speċjali ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12, magħrufa komunement bħala l-proċedura tal-giljottina; (iii) il-proċedimenti għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12. Bħala fattur komuni inerenti f'dawn it-tlett proċeduri speċjali, hemm qabel xejn il-konferma bil-ġurament tad-debitu mill-kreditur u l-fakultà mogħtija lid-debitur biex jopponi għall-pretensjonijiet tal-kreditur.

Fi proċediment ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 mhuwiex meħtieġ li jsir ebda rikors quddiem il-Qorti, imma huwa biżżejjed li ssir dikjarazzjoni maħlufa mill-Kap tad-Dipartiment inkwistjoni li fiha għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u fejn jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut, liema dikjarazzjoni maħlufa tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju.

Din il-Qorti tqis li jekk għandha tingħata interpretazzjoni loġika u koerenti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, id-dikjarazzjoni bil-ġurament dwar ix-xorta tad-debitu u dwar il-fatt li l-kreditu hu dovut, m'għandhiex titqies li hija fakoltattiva, kif jagħti x'jifhem l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, imma hija element essenzjali meħtieġ tassattivament f'dan il-proċediment.

Fil-fehma tal-Qorti l-kliem fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 "...huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa..." m'għandux jinfthiem li fl-ambitu ta' proċediment a tenur tal-Artikolu 466 il-kreditur jista' jagħżel jekk id-dikjarazzjoni li jagħmel tkunx ġuramentata jew le. Imma b'mod loġiku u koerenti dan il-kliem għandu jinfthiem li kreditur jista' minflok ma jirrikorri għall-proċediment ordinarju, jagħżel li juża din il-proċedura speċjali u sommarja, dejjem permezz ta' dikjarazzjoni maħlufa notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju.

L-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 jipprovdi li dikjarazzjoni maħlufa ai termini tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 466, għandha tiġi notifikata permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kien ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.

Huwa aktar minn ovvju li dikjarazzjoni notifikata b'att ġudizzjarju li jista' jkollha "l-istess effett daqslikieku kien ġudikat tal-qorti" għandha tkun waħda maħlufa u mhux tista' tkun jew ma tkunx maħlufa kif issottometta l-intimat Kummissarju tal-Artijiet.

Wara kollox li l-imsemmija dikjarazzjoni għandha tkun maħlufa jirrikonoxxih impliċitament l-istess Kummissarju tal-Artijiet meta iddikjara kemm fl-ittra ġudizzjarja 3534/13 u anki fid-dikjarazzjoni notifikata bl-istess att ġudizzjarju, li l-imsemmija dikjarazzjoni kienet ġiet maħlufa, għad li mill-atti ma jirriżultax li din fil-fatt kienet maħlufa. Inoltre mhuwiex ikkontestat u l-partijiet jaqblu li d-dikjarazzjoni annessa mal-att ġudizzjarju inkwistjoni ma ġietx maħlufa skont il-liġi.

Barraminnhekk l-intimat Kummissarju tal-Artijiet jirrikonoxxi impliċitament li l-konferma bil-ġurament tad-dikjarazzjoni notifikata bl-att ġudizzjarju hija element essenzjali ta' din il-proċedura, meta fir-risposta tiegħu għar-Rikors talab li jissana l-att difettuż li huwa ppreżenta u li kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni li ma kinitx ġuramentata.

Id-dritt mogħti bil-liġi lid-debitur li jista' jopponi permezz ta' rikors talba mressqa minn kap ta' dipartiment tal-Gvern eċċ a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, żgur ma kellux l-iskop li l-kreditur jinqeda b'din il-proċedura biex ikun jista' jissana att difettuż ippreżentat minnu mingħajr id-dikjarazzjoni ġuramentata rikjesta mil-liġi. L-iskop tal-proċedura ta' oppożizzjoni permezz

ta' rikors skont l-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 intrinsikament huwa sabiex id-debitur ikun jista' jħares id-drittijiet tiegħu fl-ambitu ta' dan il-proċediment speċjali u sommarju.

Li kieku għas-saħħa tal-argument ir-rikorrent ma ppreżentax ir-Rikors biex jopponi għat-talba tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet, l-att difettuż kien jibqa' wieħed difettuż u ċertament ma setax ikollu "l-istess effett daqslikieku kien ġudikat tal-qorti kompetenti" meta l-proċedura kkontemplata bl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tkun saret fuq sempliċi dikjarazzjoni li lanqas biss tkun ġiet ġuramentata.

L-Artikolu 789 (1) tal-Kap. 12 jgħid *inter alia* li l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -

> *"... (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm- il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat ...";*

Il-proviso għall-istess Artikolu 789 (1) tal-Kap. 12 jgħid li:

> *"... dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafu (ċ) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi".*

Il-Qorti tqis li jekk tiġi aċċettata d-difiża tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li l-att difettuż li huwa ppreżenta seta' jiġi ssanat permezz tax-xhieda ġuramentata tiegħu mogħtija fil-kors tas-smigħ tar-Rikors odjern, id-debitur kien jispiċċa jsofri preġudizzju li altrimenti ma kienx isofri li kieku ma ppreżentax ir-Rikors odjern. Għax f'dan l-aħħar każ att li jkun fih vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ma jkunx jista' jiġi sanat u ma tkunx tista' tiġi applikata għalih it-teorija tal-*jus superveniens.*

Huwa legalment inkonċepibbli li għax persuna tirrikorri għall-proċedura maħsuba biex tħares id-drittijiet tagħha fl-ambitu ta' proċediment speċjali u sommarju, tispiċċa ssofri preġudizzju li altrimenti ma kinitx issofri li kieku ma ppreżentatx ir-rikors ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tar-rikorrent Samuel Gatt;**

**2. Tiddikjara li t-talba tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet kif dedotta fid-dikjarazzjoni notifikata lir-rikorrent Samuel Gatt bl-att ġudizzjarju numru 3534/13, hija nulla peress li l-imsemmija dikjarazzjoni ma kinitx maħlufa kif trid il-liġi;**

**3. Tiddikjara li in vista tas-suespost, m'hemmx il-ħtieġa li tippronunzja ruħha dwar it-tieni eċċezzjoni tar-rikorrent Samuel Gatt.**

**L-intimat Kummissarju tal-Artijiet għandu jħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------